# Kunsill Lokali Gżira

283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A35a-09

25 ta' Settembru 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/35a**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tlieta 29 ta'Settembru 2009, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira minħabba li l-laqgħa msejjħa għall-Ħamis 24 ta' Settembru 2009, ma saritx għaliex ma kienx hemm kworum.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-Ħruġ ta' *Expression of Interest* għall-*Crafts & Activities Co-Ordinator*
6. Approvazzjoni ta' *Financial Statements*
7. Affarijiet Oħra
8. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

29 ta' Ottubru 2009

Ref Nru.Klg5/035

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/35 li saret it-Tlieta 29 ta' Settembru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Erba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg.

**Skużati**

Il-Kunsillieri Ian Micallef minħabba mpenn ta' safar, Malcolm Camilleri u Victor Rutter minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil- 25 ta' Settembru 2009, peress li dak li ħareġ fit-22 ta' Settembru 2009, ġie *superseded* minħabba l-fatt, li l-laqgħa li kellha ssir fl-24 ta' Settembru 2009, ma saritx għax ma kienx hemm kworum.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti kemm tal-laqgħa li saret fl-1 ta' Settembru 2009 kif ukoll, dawk tal-laqgħa li saret fid-9 ta' Settembru 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

### 1.1.1 Minuti – Laqgħa 1 ta' Settembru 2009

Paġna Nru: 9 para 5.1. r-raba paragrafu wara l-kliem 'il-Viċi-Sindku qal' trid tinbidel il-frażi u ssir 'li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill dejjem irid ikollu kuntratt/kapaċita' biex jirranġa l-bankini'.

Paġna Nru: 13 para 7.2. wara l-kliem 'Victor Rutter' iridu jinqatgħu l-kliem ' ġie deċiż' u tiżdied il-frażi ' l-Kunsillier Anthony Abela nforma li l-Kunsill kien diġa' fil-proċess'

### 1.1.2 Minuti – Laqgħa 9 ta' Settembru 2009

Paġna Nru. 2 para 1.2. it-tieni paragrafu wara l-kelma 'kumment' trid tiżdied il-frażi għaliex il-kummenti tagħhom kienu diġa' ġew eżawriti fil-laqgħa tal-Kumitat ad hoc'

Dawn l-emendi ġew ssekondati mill-Kunsillier Joe Camilleri. Għaldaqstant, il-minuti tal-laqgħat hawn fuq msemmija kif emendati ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

## 2. Materji Konnessi

**2.1. Paġna Nru: 2 para 2.4**. - Il-Viċi-Sindku qal, li la darba l-proġett ta' l-*embellishment* tal-Ġnien kien wasal fil-fażi finali, kien ħejja programm t'attivitajiet għall-inawgurazzjoni tiegħu li ġie deċiż li għandha ssir fil-31 ta' Ottubru 2009. Huwa kompla jgħid, li din ser tkun attivita' simbolika, fejn fost affarijiet oħra, jitqassmu ċertifikati t'attendenza lil dawk li qed jattendu l-korsijiet fiċ-Ċentru ta' l-Attivitajiet u jinqraw poeżiji. Huwa qal ukoll, li f'Ġunju 2010, ssir attivita' fuq skala akbar b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqdiet Lokali.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li jiġi votat l-ammont ta' €3,000 għall-ispejjeż, ssir lapida ta' l-irħam u ninfurmaw lill-Kappillan biex ibierek. Ġie deċiż ukoll, li jekk kemm –il darba tkun ix-xita, din l-attivita' ssir fiċ-Ċentru ta' l-Attivitajiet.

**2.2. Paġna Nru. 3 para 2.4.** – faċilitajiet skolastiċi – Iċ-*Chairman* qal, li kien kellem lis-Surmast ta' l-iskola sekondarja fejn dan ta' l-aħħar kien issuġġerixxa li l-laqgħa ma' rappreżentanti tal-*Gżira United Football Club* issir wara li tibda s-sena skolastika.

**2.3. Paġna Nru: 6/7 para 3.2.2 –** Rapport ta' Spjegazzjoni għan-nom tal-U.I.F. – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-*covering letter* mill-Kunsill rigward din il-materja, kienet intbagħtet l-għada tal-laqgħa jiġifieri, fit-2 ta' Settembru 2009.

**2.4. Paġna Nru: 8 para 3.2.3. –** dwar il-varjazzjonijiet proposti ta' 13% fuq it-*tender* ta' l-*embellishment* tal-Ġnien, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għalkemm l-għada tal-laqgħa kienet bagħtet *e-mail* lis-Sur Silvio Frendo tat-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-parir tiegħu rigward din il-materja, sallum il-Kunsill ma kien irċieva ebda risposta.

**2.5. Paġna Nru: 12 para 6 –** ftuħ ta' l-Uffiċċju s-Sibtijiet – Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi fejn fost affarijiet oħra qalet, li kienet bagħtet l-applikazzjoni lill-Kunsilli kollha iżda ħadd ma wieġeb, l-E.T.C. għandha tibgħat nies li jirreġistraw fuq *part 1* u *part 2* għall-*interviews* u l-Kunsilli jridu jiftħu mis-Sibt 17 ta' Ottubru 2009.

Hi nfurmat ukoll, li s-Sibt 10 ta' Ottubru 2009 bejn it-08.00 u l-11.00 a.m. kienet ser issir l-elezzjoni ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-Kunsill Lokali.

**2.6. Paġna Nru: 13 para 7.1. –** emendi fil-karigi tal-Kunsillieri – Iċ-*Chairman* qal, li d-dokument dwar dan is-suġġett kien ser iressqu għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

**2.7. Paġna Nru: 13 para 7.4. –** Rigward il-ħlas tal-kont tad-dawl u l-ilma ta' l-Uffiċċju Amministrativ, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-propjetarju tal-ħanut *Best Wishes* kien qabel mas-suġġeriment li għamel il-Kunsillier Joe Camilleri li għandu jsir *audit* mill-*accountant* tal-Kunsill pero' kien qed jissuġġerixxi li tinkiteb *a joint letter* lid-ditta *Sundew* u nistaqsu jekk kienux lesti li jirrevdu l-kontijiet kollha u kif inħadmu inkluż l-ispejjeż tal-komun u jekk le, dan ix-xogħol isir minn naħa tagħna. Jekk jirriżulta fin-negattiv minn naħa tad-ditta Sundew, din tħallas l-ispejjeż.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill kellu żewġ objettivi, li jkollu *meter* għalih u li jagħmel l-*audit* pero', jekk l-*accountant* tal-Kunsill jaċċetta li jagħmel dan, għandu jiġi ċċarat l-fatt, jekk ikunx irid jitħallas apparti.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, mal-proposta li għamel il-Kunsillier Joe Camilleri iżda mhux ma' dak li ssuġġerixxa l-propjetarju tal-*Best Wishes*.

**2.8.** Iċ-*Chairman* qal, li l-kuntrattur *J & K Contractors Ltd* kien beda xogħol tal-*patching & Kerb re-instatement works* fejn fost affarijiet oħra kellha ssir *sleeping police* fi Triq Cameron k/ma' Triq Ponsonby, kanal għall-ilma taħt il-bankina quddiem Nru: 118 Triq Carlo Manche, Triq Maria Tereza Spinelli k/ma' Triq Edgar Bernard filwaqt li xogħol ta' bankini ser isir fi Triq Wied il-Kappara, fi Triq Moroni, fi Triq San Albert 'l parti ta' fuq u ser isir taraġ fil-bankina kemm fi Triq Carlo Manche' k/ma' Triq Moroni kif ukoll, fi Triq Luqa Briffa k/ma' Triq Reggie Miller.

**2.9.** Il-Kunsill ġie nfurmat li wieħed mill-ħaddiema mibgħuta mill-E.T.C., s-Sur Andrew Ciangura kien spiċċa.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sad-29 ta' Settembru 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Insurance* MIB Ltd kienet bagħtet ċekk għall-ammont ta' €551.77 bħala *full and final settlement* għall-għodda li kienu nsterqu mill-kamra tal-ġnien.

**3.4.** Re Skema – Fondi Speċjali għall-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn il-fondi ngħataw fuq erba' kriterji li kienu, Bliet Kapitali – Żoni Turistiċi – Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali (tindif u piżijiet żejda fuq il-lokalita') – Lokalitajiet Ċentrali.

**3.5.** Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont ta' Memo 54/2009 – Attivitajiet mill-Kunsilli Lokali – Programm fl-Education 22 u TVM u nfurmat li d-data ta' l-għeluq kienet sad-9 ta' Ottubru 2009 u l-persuna nominata li għandha tattendi għal dan il-programm ser ikun il-Viċi-Sindku, Dunstan Attard.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela mal-kwotazzjoni biex tiġi *upgraded luminaire* W132 fi Triq Reggie Miller, għall-ammont ta' €177.00 mibgħuta mid-ditta J.F. Mallia Ltd u qabel ma jsir ix-xogħol, l-Kunsillier Anthony Abela għandu jagħmel *site inspection*.

**3.7.** Tressqet talba f'isem Michael Stivala għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex jiġi nstallat *tower crane* kemm fi Triq Cameron kif ukoll, fi Triq Ponsonby.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill ma laqax din it-talba minħabba l-fatt, li fir-rispett ta' Triq Cameron kien għad jonqos li l-pjanta tkun bil- iżuri filwaqt li għat-talba ta' Triq Ponsonby kien għad ma kellux il-*full development permit* mill-MEPA.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1384 sa Nru: 1421 (Ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll, għall-approvazzjoni tal-Kunsill dawn il-pagamenti:

| | |
|---|---|
| Polidano Bros Ltd – a/c *embellishment* Ġnien | 32,967.99 |
| Dott E Woods – Lulju-Awwissu-Settembru 2009 | 494.76 |
| Alfred Portelli – Lulju Awwissu-Settembru 2009 | 745.42 |
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | 160.00 |
| *UniKing International – Traffic Calming Measure* | 747.76 |
| David Grasso – *Summer Nights* | 186.00 |
| Nathalie Camilleri – Librara | 240.37 |
| Grezzju Azzopardi – Fjuri Sptar Mater Dei | 20.00 |

Hi kompliet tgħid, li l-ħlas ta' €52. lid-ditta *Equipment Hiring Ltd* għall-kiri ta' *generator* kien għadu ma sarx minħabba l-fatt, li l-*generator* addattat ma kienx disponibbli.

Hi talbet ukoll, jekk il-kontijiet tad-ditta *Melita plc* setgħux jitħallsu qabel il-laqgħa tal-Kunsill iżda jkunu jidhru fir-*Request Sheets*.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 1384 sa Nru. 1421 inkluż il-ħlasijiet msemmija f'paragrafu 4.2. kif ukoll, il-ħlasijiet tal-*Melita plc*, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**4.4.** F'dan l-istadju, ċ-*Chairman* talab li tinqabeż *item* Nru: 5 ta' l-*Agenda* u tiġi trattata *item* Nru: 6 Approvazzjoni ta' *Financial Statements* minħabba li kien wasal l-*Accountant* s-Sur Antoine Portelli (4.45 p.m.)

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

## 6. Approvazzjoni ta' *Financial Statements*

**6.1.** Is-Sur Portelli fetaħ id-diskussjoni billi ntroduċa lilu nnifsu u qal, li meta hu offra s-servizzi tiegħu, kien taħt l-impressjoni li kellu jibda fl-1 t'April 2009 irriżulta, li minħabba l-fatt li l-*financial statements* ma tlestewx mill-pridiċessur tiegħu, sitwazzjoni li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqha, hu ġie nkarigat li jagħmel il-*financial statements* għas-sena finanzjarja li spiċċat Marzu 2009.

Huwa kompla jgħid, li x-xogħol ta' l-*inputting* ta' l-*invoices* kien kollu lest minn naħa tal-Kunsill u *adjustments* ftit li xejn kien għamel. Kien iltaqa' wkoll, ma' Fabian Borg u s-Sur Mario Magro Conti u kienu tawh l-informazzjoni kollha meħtieġa

Il-Viċi-Sindku qal, li l-prijorita' kienet il-c*ash flow* sabiex jiġi dentifikat x'*budget* għandu jingħata lill-Kumitat tat-toroq minħabba l-fatt, li jekk ċertu xogħlijiet ma jsirux, il-fondi jerġgħu jittieħdu lura.

Antoine Portelli qal, li rigward il-*cash flow* fl-opinjoni tiegħu jkun aħjar jekk il-Kunsill jistenna wara li jsir l-*audit* filwaqt li kien qed jitlob lill-Kunsill biex jikkonċedilu ftit taż-żmien biex jipprepara l-*budget* għaliex kien għad irid jipproċessa l-ewwel sitt xhur.

Wara li ġew kjarifikati xi punti mressqa mill-Kunsillieri, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku mal-*Financial Statements* kif ppreżentanti mill-*Accountant* Antoine Portelli kif ukoll, għat-talba li saret fil-paragrafu preċedenti rigward il-*cash flow* u l-preparazzjoni tal-*budget*.

## 5. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-Ħruġ ta' *Expression of Interest* għall-*Crafts & Activities Co-Ordinator*

**5.1.** Il-Viċi-Sindku qal, li għalkemm l-*Crafts Co-Ordinator* preżenti Sandra Galea apparti l-lezzjonijiet tal-*crafts* kienet anke qed torganizza ħarġiet kulturali, l-Kunsill kien qiegħed f'sitwazzjoni li jew iwaqqaf dawn il-lezzjonijiet jew Sandra Galea tibqa' *on a long term basis*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li tinħareġ *Expression of Interest* għall-*Services of a Crafts & Activities Co-Ordinator* li tkun kapaċi:

- torganizza ħarġiet kulturali u soċjali
- taħdem minimu ta' tmien siegħat fil-ġimgħa bbażati fuq sagħtejn kull lezzjoni
- irid ikollha minimu ta' tmien tipi ta' *crafts*
- li aktar minn klassi l-lezzjonijiet ikunu bbażati fuq tip ta' klabb

Il-persuna li tiġi magħżula trid taħdem id f'id mas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll, li dan l-avviż għandu jiġi ppubblikat fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti ta' kuljum.

**7. Affarijiet Oħra**

**7.1.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jinħarġu tlett kwotazzjonijiet sabiex jiġu tranġati t-tlett arkati li hemm fil-Ġnien. Għalhekk, il-Perit għandu jintalab iħejji l-kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' kif irid isir ix-xogħol.

Il-Kunsill għandu jimxi fuq dak li ġie ssuġġerit mill-Kunsillier Ian Micallef fir-rispett ta' kwotzzjonijiet liema suġġeriment, ġie milqugħ u addottat fil-laqgħa preċedenti.

**7.2.** Il-Kunsillier Anthony Abela nforma li dak in-nhar stess jiġifieri fid-29 ta' Settembru 2009, id-ditta *General Ecological Services Co. Ltd* kienet għamlet *site-inspection* dwar il-*culverts* fi Triq Luqa Briffa, Triq Sliema u Triq ix-Xatt skond kwotazzjoni maħruġa mill-Kunsill.

**7.3.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jinħarġu kwotazzjonijiet għad-dawl tal-Milied kif ġej:

**Triq ix-Xatt** fis-*Centre Strip* mill-*Manoel Island bridge* sal-*Waterfront Hotel* Fustun bid-dawl u 8 stilel jixgħelu li jiġu muntati fuq l-arbli tal-festa u jintuża l-meter tad-dawl tal-Kunsill.

**Pjazza Meme' Scicluna** – 8 dekorazzjonijiet differenti muntati fuq l-arbli tal-festa madwar ir-*roundabout*, tizzejjen il-Gazebo u s-siġra tal-Milied.

**Misraħ Turu Colombo** – *Fairy Lights static & flickering* muntati b'tali mod li jkunu jidhru mit-toroq li minnhom jgħaddi t-traffiku. Din il-kwotazzjoni għandha tinkludi l-ammont dovut għall-*meter* tad-dawl temporanju.

**Triq San Albert quddiem l-Activities Centre –** *Gżira Activities Centre* – 2 dekorazzjonijiet – il-konsum tad-dawl jittieħed mill-istess Ċentru.

## 8. Laqgħa oħra

**8.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.50 p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis 29 ta' Ottubru 2009, fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K283/119/09**

**24 September 2009 KLG5/34**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1384 | Greenlines Env. Inv.17037 Hire & Clean 2 mob Toilets Aug 31 dys @€3.50 each | 256.06 | 6225 |
| 1385 | Alfa Co. Ltd inv.55654 copies & Rent 13.07.09 – 12.08.09 | 104.74 | 6226 |
| 1386 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11643 job No:9037 roadmarkings | 187.81 | 6227 |
| 1387 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11645 job No:9035 roadmarkings | 369.58 | 6228 |
| 1388 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11646 job No:9034 roadmarkings | 480.00 | 6229 |
| 1389 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11647 job No:9033 roadmarkings | 750.51 | 6230 |
| 1390 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11649 job No: 9031 roadmarkings | 414.45 | 6231 |
| 1391 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11651 job No:9029 roadmarkings | 687.81 | 6232 |
| 1392 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11652 job No:9028 roadmarkings | 798.64 | 6233 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1393 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11653 job No:9027 roadmarkings | 317.34 | 6234 |
| 1394 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11654 job No:9026 roadmarkings | 472.99 | 6235 |
| 1395 | Makaw ironmongery invoice 16867 8x10litres red paint Ġnien | 321.28 | 6236 |
| 1396 | Makaw ironmongery invoice 16878/ 17102 | 423.91 | 6237 |
| 1397 | Steve R. Farrugia inv.109 – Aug 09 Sweeping/M/Sweeper/grasscutting | 4665.72 | 6238 |
| 1398 | Steve R. Farrugia inv.110 – Aug 09 Sunday Street Sweeping | 378.52 | 6239 |
| 1399 | G4S Security Services (Malta) Ltd 4 trips C.I.T. Aug 09 inv.032382 | 30.26 | 6240 |
| 1400 | S. Rausi Trading Ltd inv.21063675 Drinking water | 25.98 | 6241 |
| 1401 | S.Rausi Trading Ltd inv.21064255 Drinking water | 38.96 | 6242 |
| 1402 | Silvio Deleonardo invoice 90 repair of air conditioner | 35.00 | 6243 |
| 1403 | Squire Bookshop invoice 00253 – Aug 2009 newspapers | 37,27 | 6244 |
| 1404 | Stardelta Hardware invoice 4941208 209 – 213 | 36.40 | 6245 |
| 1405 | The Toolbox invoice 9004 – 9010 | 55.71 | 6246 |
| 1406 | Env. L/Scapes invoice 005467 – Soft Areas August 2009 | 2212.92 | 6247 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1407 | Melita Cable plc invoice 27410292 Act. Centre – Season Ticket Sports 28.08.09 – 31.08.10 Television Medium basic rate | 245.53 | 6266 |
| 1408 | J.F.Mallia Ltd invoice 231 – one U-shape Bollard in Belvedere Street | 46.00 | 6248 |
| 1409 | J.F. Mallia Ltd invoice 235 – job No: 74/ 75/76/77/78/79/80/81 maint. Bozoz | 282.02 | 6251 |
| 1410 | North Dem.Excav & Trenc Contractors Works The Strand Kennedy Hotel | 760.00 | 6265 |
| 1411 | Allworks & Steel Ltd invoice 019041 10 grates – Strand | 1120.00 | 6250 |
| 1412 | Road Maint. Serv. Ltd. Works at Triq Cameron | 1058.82 | 6211 |
| 1413 | Joe Borg invoice 05 Duck Food Sept.09 | 46.59 | 6252 |
| 1414 | Mr. Em. Mifsud inv.2397696 Door to Door collection Sept. 2009 | 5590.50 | 6253 |
| 1415 | Mr. Em. Mifsud inv.2397697 Hire of Skips Sept. 2009 | 432.87 | 6254 |
| 1416 | Mr. Em. Mifsud inv.2397698 Public Convenience Sept.2009 | 836.06 | 6255 |
| 1417 | Mr. Em. Mifsud inv.2397699 Bulky Service Aug. 09 – 162 Calls | 886.79 | 6256 |
| 1418 | Gżira Parish Priest re attivita' festa Anzjani | 60.00 | 6170 |
| 1419 | Taran Arrigo invoice 001128 Twister Bike u Stepper – Ġnien | 4500.00 | 6212 |
| 1420 | Polidano Bros. on a/c Works Ġnien | 20,557.04 | 6210 |
| 1421 | Melita plc inv.27491490 – Hello Service 08.09.09 – 07.10.09 | 120.66 | 6249 |